



Brussell, 5 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12874/22

LIMITE

PECHE 357

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0244(NLE)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2023 u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra - Qbil Politiku

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Kunsill fit-23 ta' Awwissu 2022¹. Id-dokument jinkludi l-Qabdiet Totali Permissibbli (TAC) proposti għall-istokkijiet kollha tal-Baltiku; it-TAC għall-merluzz tan-Norveġja biss hija nieqsa peress li l-parir xjentifiku għandu jiġi ppubblikat sal-bidu ta' Ottubru, u għaldaqstant il-Kummissjoni ser tippreżenta dokument informali qabel il-Kunsill tas-17-18 ta' Ottubru.
2. Filwaqt li tqis l-istatus tal-istokkijiet, il-Kummissjoni tipproponi tnaqqis fit-TAC għall-**aringa fil-Golf ta' Bothnia** fis-suddiviżjonijiet 30-31 (-28 %), l-**aringa fil-Golf ta' Riga** fis-suddiviżjoni 28.1 (-4 %) u l-**laċċa kaħla** fis-suddiviżjonijiet 22-32 (-20 %).
3. Barra minn hekk, billi ma kienx hemm titjib fis-sitwazzjoni tal-istokkijiet tal-bakkaljaw, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli tistabbilixxi biss it-TACs għall-qabdiet aċċessorji tal-**bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant** fis-suddiviżjonijiet 25-32 u għall-**bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent** fis-suddiviżjonijiet 22-24. Dan huwa l-każ ukoll għall-**aringa tal-Baltiku tal-Punent** fis-suddiviżjonijiet 22-24 u s-**salamun fil-baċir ewlieni** fis-suddiviżjonijiet 22-31.

¹ ST 11877/22 + ADD 1.

4. L-istatus l-aktar f'saħħtu tal-**aringa tal-Baltiku Ċentrali** fis-suddiviżjonijiet 25, 27, 28.2, 29 u l-**barbun tat-tbajja'** fis-suddiviżjonijiet 22-32 jippermetti żieda fl-opportunitajiet tas-sajd b'14 % u 25 % rispettivament.
5. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew u dik tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mhumiex meħtieġa skont l-Artikolu 43(3) TFUE.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tat-8 u t-22 ta' Settembru 2022 u d-delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti bil-miktub li jistgħu jiġu kkonsultati fid-dokumenti 12479/22 + ADD 1-6.
7. Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, diversi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li l-iffissar tat-TAC isir skont il-parir xjentifiku disponibbli bbażat fuq l-MSY, f'konformità mal-pjan pluriennali għall-Baltiku u b'kont meħud tal-impatt soċjoekonomiku fis-settur tas-sajd.
8. Diversi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju dwar partijiet speċifiċi tal-proposta. DK indikat riżerva ta' skrutinju parlamentari.
9. Il-Presidenza temmen li d-diskussjonijiet u d-deċiżjoni finali għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji li ġejjin:
 - Impenn qawwi favur l-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) kif stipulat fl-Artikolu 39 TFUE u fl-Artikolu 2 tar-Regolament PKS², inkluż il-kisba tal-MSY.
 - Il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringa u l-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku³.
 - Deċiżjonijiet ibbażati fuq parir xjentifiku.

² Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

³ Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww il-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1–15).

10. Il-Presidenza temmen ukoll li ser ikunu meħtieġa sforzi sostnuti permezz ta' BALTFISH biex tintlaħaq soluzzjoni kunsenswali għat-TACs tal-Baltiku.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

11. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu tajjeb il-proposta tal-Kummissjoni iżda talbu żidiet fl-opportunitajiet tas-sajd proposti għal-**laċċa kaħla** u l-**aringa tal-Baltiku Ċentrali**, li jkunu konformi mal-parir xjentifiku.
12. Id-delegazzjonijiet talbu wkoll aktar diskussjoni dwar is-sajd rikreattiv għas-**salamun** (l-Artikolu 9). Ġie miftiehem li ssir laqgħa teknika mal-Kummissjoni sabiex jiġi propost abbozzar ġdid.
13. Il-Presidenza organizzat laqgħat trilaterali tekniċi fit-3 ta' Ottubru mal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet sabiex tiċċara l-kwistjonijiet pendenti. Id-delegazzjonijiet qajmu **elementi oħra** bħal deroga possibbli għal sajjieda fuq skala żgħira għall-**bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent**; il-ħtieġa li tiġi introdotta dikjarazzjoni għall-**aringa tal-Baltiku tal-Punent**, kif sar is-sena l-oħra, jew il-ħtieġa li titqies is-**sitwazzjoni ġeopolitika** fir-rigward tal-gwerra fl-Ukrajna.

III. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

14. Il-Presidenza temmen li jista' jintlaħaq qbil dwar it-TACs differenti u miżuri addizzjonali. Hija tal-fehma li jista' jintlaħaq kompromess finali bi ftit flessibbiltà mill-partijiet ikkonċernati kollha. Il-Presidenza tifhem ukoll li d-diskussjonijiet f'**BALTFISH** għandhom potenzjal konsiderevoli.
15. Il-COREPER huwa mitlub jagħti l-fehmiet tiegħu b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet deskritti fil-punt II bil-ħsieb li jitħejja qbil politiku fil-livell tal-Kunsill.